



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8693/21

EDUC 162
JEUN 48
SOC 261
EMPL 194

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7985/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għal kulħadd

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għal kulħadd, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tas-17 u t-18 ta' Mejju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għal kulħadd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FIL-KUNTEST TA'

1. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-Summit Soċjali ta' Gothenburg 2017, partikolarment l-ewwel, it-tielet u l-ħdax-il-prinċipju tiegħu.
2. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), li tistabbilixxi t-titjib fil-kwalità, l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess għal kulħadd fl-edukazzjoni u t-taħriġ bħala l-ewwel prijorità strateġika tagħha.

FILWAQT LI JFAKKAR fil-kuntest politiku deskritt fl-Anness.

3. Is-sejbiet mill-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020, li żvela, fost affarijiet oħra, li:

- a) il-parteciċipazzjoni fl-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) mill-età ta' 4 snin hija għolja, fl-livell ftit inqas mill-mira tal-ET 2020, bis-saħħa ta' sforzi sostnuti mill-Istati Membri, iżda l-aċċess u l-kwalità mhux uniformi jibqgħu ta' sfida;
- b) iċ-ċifra għal persuni li jitlew kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ kienet ta' 10.2 % fl-2019, li kważi tilħaq il-mira tal-ET 2020. Madankollu, għal dawk b'diżabilità r-rata hija ta' 20.3 %, u studenti mwielda barra l-pajjiż huma aktar probabbli li jitlew mill-edukazzjoni qabel iż-żmien mill-pari tagħhom imwielda fil-pajjiż (22.2 % vs 8.9 % rispettivament). Iktar għuvintur milli tfajliet jitlew kmieni mill-edukazzjoni (11.9 % vs 8.4 % rispettivament), u dan id-distakk baqa' ġeneralment kostanti matul l-aħħar deċennju;
- c) ir-riżultati tal-istudju PISA 2018 juru li l-UE ma laħqitx il-mira tagħha tal-ET 2020 li tnaqqas il-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi għal inqas minn 15 %. Fil-fatt, fl-UE kollha kemm hi, il-progress insuffiċjenti żdied fix-xjenza u fil-qari u baqa' stabbli fil-matematika matul l-aħħar deċennju (22.5 % fil-qari, 22.9 % fil-matematika u 22.3 % fix-xjenza għall-UE-27). Differenzi sinifikanti bejn il-ġeneri fil-livelli ta' progress insuffiċjenti jippersistu biss fil-qari – b'ishma oġġla ta' dawk li jagħmlu progress insuffiċjenti fost is-subien. Barra minn hekk, ir-riżultati jenfasizzaw l-importanza tal-klima skolastika għall-benesseri u l-prestazzjoni tal-istudenti;

- d) il-mira tal-ET 2020 għal-livell edukattiv milħuq terzjarju ta' 40 % intlaħqet mill-UE u mill-parti l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, differenzi bejn il-ġeneri għadhom jipersistu madwar l-UE, u studenti b'inqas opportunitajiet għandhom aspettattivi aktar baxxi li jlestu l-edukazzjoni terzjarja (43.4 %) mill-pari tagħhom (82.3 %).
- e) il-progress fiż-żieda tal-parteċipazzjoni fit-tagħlim fost l-adulti kien kajman matul l-aħħar deċennju, u l-parteċipazzjoni madwar l-Istati Membri għadha mhux uniformi ħafna. Fl-2019 ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim kienet ta' 10.8 % fl-UE-27, żieda żgħira minn 7.8 % fl-2010, u xorta 'l bogħod mill-mira ta' 15 %.
- f) il-kuntest soċjoekonomiku għadu l-aktar determinant importanti tal-eżiti edukattivi fl-UE, li jtellf sehem imdaqqas ta' żgħażagħ milli jiksbu livell adegwat ta' ħiliet bażiċi u jipprevjeni l-mobbiltà soċjali għall-aħjar.

4. L-Istħarriġ komunitarju dwar l-użu tal-ICT (Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni) fl-unitajiet domestiċi u mill-individwi li juri li fl-2019 wieħed minn kull ħames żgħażagħ (ta' bejn is-16 u l-24 sena) fl-UE għad ma kellux hiliel diġitali bażiċi.
5. Ir-rapport Eurydice 2020 dwar "Ekwiṭà fl-edukazzjoni skolastika fl-Ewropa: Strutturi, politiki u prestazzjoni tal-istudenti", li jidentifika politiki u strutturi assoċjati ma' livelli oġhla ta' ekwiṭà fil-prestazzjoni tal-istudenti u juri li l-ekwiṭà fl-iskejjel, f'termini ta' kemm l-inklużjoni kif ukoll il-ġustizzja, tvarja ħafna fl-Ewropa.
6. Il-pandemija tal-COVID-19 li, flimkien mal-bidla mifruxa għat-tagħlim u l-apprendiment diġitali, poġġiet pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-UE u wisq probabbli ser ikollha impatt fuq il-progress lejn diversi miri u indikaturi fil-livell tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

JIKKUNSIDRA LI

7. Fil-qafas strateġiku l-ġdid għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), u minħabba l-oġettiv politiku ġenerali tiegħu li tinkiseb iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, issa wasal iż-żmien li jittieħed kont tal-progress li sar s'issa fit-titjib tal-ekwiṭà u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għal kulħadd, u biex jingħata impetu ġdid lill-kooperazzjoni fil-livell tal-UE u l-ħidma nazzjonali f'dan il-qasam.

8. Għalkemm il-kwistjonijiet ta' ekwità, edukazzjoni inklużiva u suċċess fl-edukazzjoni u t-taħriġ ġew indirizzati mill-Kunsill, għad iridu jiġu kkunsidrati fl-intier tagħhom u bħala punti intersezzjonali u interdipendenti li jistgħu jgħinu biex tiġi determinata l-abbiltà tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ ta' livell għoli għal kulħadd, li jkunu tassew soċjalment inklużivi u koeżivi, ġusti u ta' suċċess, inkluż it-tagħlim tul il-ħajja.
9. Partikolarment wara l-pandemija globali tal-COVID-19, li affettwat is-sistemi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-ECEC, l-importanza li jittejbu l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura għet enfasizzata mill-Ministri għall-Edukazzjoni tal-UE f'diversi dibattiti li saru mill-2020 'l hawn.
10. Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ Ewropej għandhom jieħdu vantaġġ mill-fatt li l-inklużjoni hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin fil-politiki, il-programmi ta' finanzjament u l-istrumenti kollha tal-UE, bħal: il-programm Erasmus+ il-ġdid, li jikkontempla miżuri dedikati ta' inklużjoni; il-Fond Soċjali Ewropew Plus, li jappoġġa l-promozzjoni ta' aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja fil-livelli kollha, b'mod partikolari għal gruppi żvantaġġati; u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-UE, li għandha tiġi mobilizzata bis-sħiħ biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni, li ġew aggravati mill-kriżi attwali.
11. Il-potenzjal tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jrawmu l-inklużjoni huwa rikonoxxut sew fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat b'mod konġunt, kif ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni tiegħu¹ reċentement adottat mill-Kummissjoni, li jissottolinja li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma essenzjali biex jinfetħu opportunitajiet ġodda għal kulħadd.

¹ COM(2021) 102 final.

12. L-ekwità fl-aċċess, l-inklużjoni u s-suċċess għal kulħadd fl-edukazzjoni u t-taħriġ hija prinċipju bażiku tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iżda l-kisba ta' dan għadha ta' sfida għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-UE, b'differenzi sinifikanti bejn u fl-Istati Membri.
13. L-edukazzjoni u t-taħriġ jaqdu rwol importanti fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi, jiġifieri dawk b'rabta mal-istatus soċjoekonomiku, il-kuntest ta' migrazzjoni, l-oriġini razzjali jew etnika², il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilità, u hemm evidenza li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-ogħla prestazzjoni huma dawk li jagħmlu enfasi fuq l-ekwità u l-inklużjoni.
14. Il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali għandha impatt partikolarment pożittiv fuq l-inklużjoni soċjali, kif kien evidenti matul il-pandemija tal-COVID-19.
15. Billi d-diversità u d-disparitajiet ikomplu jiżdiedu fis-soċjetà tal-lum, il-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ taqdi rwol primarju fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u fit-trawwim tal-inklużjoni, l-integrazzjoni u r-rispett għad-diversità fl-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ li jissawru sabiex jiġi żgurat li l-gruppi u l-individwi kollha jkollhom aċċess ugwali effettiv għal opportunitajiet tal-apprendiment ta' kwalità u jiġu abilitati biex ilestu b'suċċess it-triq tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ tagħhom.
16. Iridu jkomplu l-isforzi biex jiġi żgurat li aktar studenti jkunu jistgħu jlestu b'suċċess l-edukazzjoni u t-taħriġ sekondarji għolja (jew ekwivalenti) u jkomplu fl-edukazzjoni u t-taħriġ ulterjuri jew fl-edukazzjoni għolja, li jippermettilhom jiżviluppaw għarfien, ħiliet u kompetenzi ta' valur għall-ħajja u jirrealizzaw il-potenzjal shi tagħhom.

² Issir referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità.

17. Fis-snin reċenti, sistemi nazzjonali u reġjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ kienu kapaċi jtejbju l-prestazzjoni tagħhom fl-għoti ta' ekwità aħjar fl-aċċess u l-inklużjoni, li jista' jappoġġa s-suċċess edukattiv, iżda għad hemm il-ħtieġa għal aktar sforzi, azzjonijiet u miżuri, sabiex b'mod simultanju jittejbju l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess edukattiv. Dan jinkludi l-ħtieġa li tiġi pprovduta gwida tul il-ħajja aktar aċċessibbli u ta' kwalità għolja fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ³.
18. Il-programm Erasmus+ il-ġdid issa huwa mgħammar b'mezzi msaħħa biex jippromwovi aħjar l-inklużjoni soċjali, l-ekwità u t-titjib tas-sensibilizzazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali u/jew b'inqas opportunitajiet, inkluż billi jagħmel attivitajiet ta' mobbiltà aktar aċċessibbli għal firxa usa' ta' studenti, għalliema, ħarrieġa, edukaturi tal-għalliema u persunal ieħor.

JENFASIZZA LI

19. L-individwi kollha, fl-istadji kollha ta' ħajjithom, għandu jkollhom l-opportunità li jiżviluppaw firxa wiesgħa ta' kompetenzi ewlenin⁴ sabiex jirnexxu fid-dinja, kemm professjonalment kif ukoll personalment, u biex ilaħħqu mat-trasformazzjonijiet attwali u futuri fis-soċjetà u fl-ekonomija, inkluż fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Din hija kwistjoni ta' ġustizzja soċjali daqs kemm hija tal-kompetittività tal-UE.
20. L-edukazzjoni u t-taħriġ jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa u għaċ-ċittadini biex igawdu s-sodisfazzjon u l-benesseri personali, biex ikunu lesti jadattaw u jaħdmu f'suq tax-xogħol li qed jinbidel u biex jinvolve ruħhom f'ċittadinanza attiva u responsabbli.

³ F'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 dwar kif l-igġwidar tul il-ħajja jista' jiġi integrat aħjar fl-istrateġiji ta' taġħlim tul il-ħajja.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-taġħlim tul il-ħajja, ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1.

21. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat saħansitra b'mod aktar qawwi l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi strutturali fit-tul lil hinn mill-effetti immedjati tal-pandemija, inkluż fir-rigward tal-benesseri u s-saħħa mentali tal-istudenti tfal u tal-edukaturi. Din is-sitwazzjoni saħħet il-ħtieġa li jiġu żgurati edukazzjoni u taħriġ inklużivi ta' kwalità għolja, inkluż l-ECEC, u biex dawn isiru disponibbli u aċċessibbli għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-kuntest tal-ġeneru, soċjoekonomiku speċifiku, etniku, reliġjuż jew kulturali, il-ħtiġijiet edukattivi speċifiċi tagħhom, jew ċirkostanzi personali oħra.
22. L-opportunitajiet indaqs għal kulħadd fl-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ huma kruċjali, iżda mhumix biżżejjed: trid tingħata attenzjoni partikolari lill-intersezzjonalità tal-kwistjonijiet, jiġifieri, studenti li jiffaċċaw sfidi addizzjonali jew sovrapposti, bħal dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali jew dawk li għandhom diżabilità, dawk li għaddejjin minn ċirkostanzi personali diffiċli, dawk minn kuntesti soċjoekonomiċi żvantaġġati, minn kuntesti ta' migrazzjoni u minn minoritajiet, dawk minn żoni ekonomikament batuti, minn żoni iżolati, insulari jew remoti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE. Bl-istess loġika, il-ħtiġijiet ta' studenti partikolarment b'talent iridu jiġu kkunsidrati sabiex nappoġġawhom u ngħinuhom jirrealizzaw il-potenzjal sħiħ tagħhom.
23. It-titjib tal-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ ukoll l-iżvilupp ta' sensittività għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-proċessi tat-tagħlim u tal-apprendiment u fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ filwaqt li jiġu sfidati u xolti kemm sterjotipi kif ukoll preġudizzji tal-ġeneru, u tiġi evitata d-diskriminazzjoni fuq bażi tal-ġeneru jew tal-orjentazzjoni sesswali.

24. Is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jindirizzaw il-ħtiġijiet, l-abbiltajiet u l-kapaċitajiet individwali diversi tal-istudenti kollha u joffru opportunitajiet tat-tagħlim lil kulħadd, inkluż rabtiet ma' kuntesti mhux formali u informali, bħall-kooperazzjoni ma' ċentri tal-edukazzjoni għall-adulti, istituzzjonijiet jew ċentri tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u istituzzjonijiet kulturali, fost l-oħrajn.
25. Iridu jibqgħu jsiru l-isforzi biex l-istudenti kollha jġu mgħammra bil-kompetenzi soċjali, emozzjonali, ċiviċi u interkulturali meħtieġa biex jafferemaw mill-ġdid, isaħħu u jrawmu l-valuri demokratiċi, id-drittijiet fundamentali, l-opportunitajiet indaqs, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni tal-UE, kif ukoll biex tiġi promossa ċ-ċittadinanza konxja u attiva. Għal dan il-għan, l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tista' taqdi rwol ewlieni, billi tiżgura li l-istudenti kollha jiksbu fehim u rispett għall-forom kollha tad-diversità, biex b'hekk jġu żviluppati t-tolleranza, l-attitudnijiet demokratiċi, il-ħsieb kritiku u l-kisba ta' kompetenzi interkulturali u taċ-ċittadinanza attiva.
26. Il-parteciċipazzjoni fl-ECEC tipprovdi bażi importanti għal suċċess personali, edukattiv u professjonali futur, li huwa partikolarment vitali għal tfal minn kuntesti żvantaġġati jew vulnerabbli. Għad hemm il-ħtieġa li jiżdiedu l-kwalità, l-inklużività, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tas-sistemi tal-ECEC biex jġu żgurati opportunitajiet indaqs effettivi għat-tfal kollha biex jiparteċipaw fl-ECEC⁵.

⁵ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal.

27. It-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u l-falliment akkademiku jesponu liż-żgħażaġh għal inqas opportunitajiet soċjoekonomiċi, b'mod partikolari għal dawk f'riskju u dawk l-aktar vulnerabbli għall-esklużjoni. Iridu jkomplu l-isforzi sabiex jiġu żgurati sistemi verament inklużivi, li fihom l-istudenti kollha jirċievu edukazzjoni ta' kwalità għolja u tiġi promossa u protetta l-benesseri u s-saħħa mentali tagħhom. Dan, flimkien ma' miżuri ta' prevenzjoni u appoġġ ibbażati fuq il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti u gwida tul il-ħajja ta' kwalità mtejbja, huwa kruċjali biex titnaqqas ir-rata ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u biex l-istudenti jiġu ggwidati lejn it-tlestija b'suċċess tal-edukazzjoni sekondarja għolja (jew ekwivalenti) u t-tkomplija fl-edukazzjoni u taħriġ ulterjuri jew fl-edukazzjoni għolja.
28. Huwa essenzjali li tiġi promossa kisba edukattiva mtejbja u li tiġi appoġġata tranżizzjoni bla xkiel għas-suq tax-xogħol, inkluż bil-promozzjoni, permezz ta' gwida tul il-ħajja, tagħlim tul il-ħajja u tagħlim għall-adulti, u fejn meħtieġ fi proċessi ta' "titjib tal-ħiliet" u ta' "taħriġ mill-ġdid", l-iżvilupp personali, akkademiku u professjonali kontinwu u ċ-ċittadinanza attiva.
29. Is-sehem ta' dawk li jagħmlu progress insuffiċjenti għadu għoli wisq, u madwar l-Ewropa studenti minn kuntesti żvantaġġati, minn żoni ekonomikament batuti jew minn żoni iżolati, insulari jew remoti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, huma rappreżentati żżejjed fost dawk li jagħmlu progress insuffiċjenti u persuni li jitolqu kmieni mill-iskola. Għaldaqstant, għad hemm il-ħtieġa li jiġu identifikati miżuri ta' politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jistgħu jagħtu spinta aħjar lis-suċċess edukattiv għall-istudenti kollha, inkluż approċċi pedagoġiċi innovattivi.

30. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż l-apprendistati u forom oħra ta' taġlim ibbażat fuq ix-xogħol, jikkontribwixxu għall-ekwità billi jiżguraw li l-programmi vokazzjonali jkunu ta' kwalità għolja, inklużivi u aċċessibbli għal kulħadd, inkluż gruppi vulnerabbli⁶.
31. Bl-istess mod, it-taġlim għall-adulti jipprovdi opportunitajiet flessibbli għal kulħadd, inkluż gruppi vulnerabbli biex jaċċessaw it-taġlim u joffri ċans ieħor jew mogħdija alternattiva għall-ħiliet u l-kwalifiki.
32. Il-kooperazzjoni u l-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħidma fost iż-żgħażaġħ u s-settur soċjali jippermettu l-identifikazzjoni bikrija tal-istudenti f'riskju ta' tluq bikri u jipprovdu miżuri ta' appoġġ aktar adatti għal żgħażaġħ vulnerabbli, bħan-NEETs, inkluż permezz tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa.
33. L-edukazzjoni għolja għandha l-potenzjal li trawwem l-ekwità u l-inklużjoni billi tiffaċilita u tappoġġa l-istudenti fi tranżizzjoni bla xkiel mill-edukazzjoni sekondarja għolja għall-edukazzjoni għolja, billi tappoġġa l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva għat-tipi kollha ta' studenti billi tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati, inkluż studenti mhux tradizzjonali. Hija tista' tinvolvi wkoll aktar lill-adulti, tippromwovi t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, u taqdi rwol fit-taġlim tul il-ħajja permezz ta' alternattivi flessibbli għal programmi sħaħ, billi tesplora l-kunċett u l-użu ta' Approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali.
34. Il-ħidma li saret fil-qafas tal-proċess ta' Bolonja hija rilevanti għall-iżvilupp ulterjuri tad-dimensjoni soċjali fl-edukazzjoni għolja.

⁶ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza.

35. It-teknoloġija diġitali taqdi rwol importanti biex l-ambjenti tat-tagħlim, il-pedagoġiji diġitali, l-għodod u l-kompiti jsiru adattabbli, personalizzati u adattati għal studenti differenti. Hija tista' tippromwovi inklużjoni ġenwina – dment li kwistjonijiet ta' distakk diġitali, f'termini ta' infrastruttura diġitali, konnettività, u aċċess għal apparati diġitali, tagħmir, riżorsi u għal ħiliet diġitali, kif ukoll l-aċċessibbiltà tagħhom għal dawk b'diżabilità, huma indirizzati b'mod parallel. Barra minn hekk, għalkemm it-teknoloġija diġitali ppermettiet l-edukazzjoni mill-bogħod matul il-pandemija tal-COVID-19, din is-sitwazzjoni enfasizzat id-disparitajiet sottostanti fl-aċċess għall-apparati diġitali, il-konnettività, u forom oħra tad-distakk diġitali bħall-kompetenzi diġitali ta' studenti, edukaturi, u persuni li jindukraw u d-disponibbiltà tal-appoġġ relatat ma' dawn tal-aħħar.
36. Użu etiku, responsabbli u inklużiv tat-teknoloġiji emerġenti, bħall-Intelliġenza Artifiċjali, jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jitnaqqas id-distakk diġitali u biex jitrawwem tagħlim u apprendiment aktar inklużivi.
37. L-aċċess li qed jikber għal ambjenti ta' apprendiment virtwali jipprovdi ħafna opportunitajiet ġodda. Madankollu, l-aċċess aktar frekwenti u li qed jikber għal ambjenti ta' apprendiment virtwali, u l-użu tagħhom, jesponi wkoll lill-istudenti għal riskju akbar ta' tbatija mill-bullying ċibernetiku, forom oħra ta' fastidju online jew li jsiru l-miri tad-diżinformazzjoni, b'mod partikolari permezz tan-networks soċjali. Iridu jsiru l-isforzi biex jiġi żgurat li l-istudenti jiġu mgħallma u l-edukaturi mħarrġa fis-sikurezza online u jkunu konxji tar-riskji potenzjali ta' ċerti pjattaformi jew għodod online, sabiex verament jiġi promoss ambjent ta' apprendiment virtwali sikur. B'mod parallel, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandu jkollhom linji gwida u proċeduri ċari fis-seħħ biex jittrattaw dawn il-kwistjonijiet.

38. L-għalliema, il-ħarrieġa, il-professjonisti tal-ECEC u persunal pedagoġiku ieħor, kif ukoll il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-konsulenti ta' gwida, fil-livelli kollha, huma essenzjali biex jappoġġaw l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess fl-edukazzjoni u t-taħriġ għal kulħadd. Sabiex ikunu jistgħu jwettqu din il-funzjoni, iridu jkunu kompetenti ħafna u jkollhom il-ħiliet, il-kompetenzi u l-għarfien tal-isfond meħtieġa biex jifhmu u jindirizzaw l-iżvantaġġ edukattiv u biex jgħallmu u jeducaw f'ambjenti dejjem aktar diversi, multilingwi u multikulturali.
39. L-edukazzjoni inizjali, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema, il-ħarrieġa u edukaturi oħra għandhom ikunu allinjati mal-istandards nazzjonali u reġjonali rilevanti, kif xieraq, u mal-proċessi ta' żvilupp tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan huwa essenzjali biex jiġu stabbiliti approċċi ġodda biex jirrispondu aħjar għal realtajiet ġodda u ta' sfida, bħal dawk relatati mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Għandhom isiru sforzi biex jiġu appoġġati l-għalliema, il-ħarrieġa, il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-konsulenti ta' gwida biex tingħata spinta lill-ekwità, il-kwalità fit-tagħlim u l-gwida tul il-ħajja. Barra minn hekk, għandhom isiru sforzi biex jiġu attirati l-aqwa kandidati għall-professjoni u, meta meħtieġ, jiġi indirizzat in-nuqqas ta' għalliema permezz ta' strateġiji ta' reklutaġġ aħjar u aktar flessibbli. B'mod parallel, dan ser jikkontribwixxi biex tiżdied il-kwalità u l-inklużività tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u b'hekk tittejjeb il-governanza tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITA MAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI U L-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX

40. Jimplimentaw miżuri ta' politika edukattiva u jsegwu, kif xieraq, riformi fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, billi jħarsu lejn l-ispettru sħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ u f'approċċ ta' istituzzjoni sħiħa biex itejbu l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni u jippromwovu s-suċċess edukattiv fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, jiġifieri permezz ta':
- a) l-indirizzar tad-diversità dejjem akbar ta' studenti u t-titjib tal-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi għall-istudenti kollha, inkluż minn gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, bħal studenti fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali u studenti bi ħtiġijiet ta' taġlim speċifiċi, persuni b'diżabilità, persuni bi kwalifiki/ħiliet aktar baxxi, persuni li ġejjin minn kuntasti ta' migrazzjoni, persuni minn minoritajiet u studenti b'inqas opportunitajiet minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, il-ġeneru u/jew is-sitwazzjoni soċjoekonomikament żvantaġġata tagħhom;
 - b) il-promozzjoni ta' strateġiji edukattivi komprensivi ta' suċċess fil-livell nazzjonali u reġjonali, ibbażati fuq kooperazzjoni transsettorjali b'saħħitha fil-livelli kollha, sabiex titrawwem it-tlestija b'suċċess tal-perkorsi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tas-sekondarja għolja (jew ekwivalenti) u jitnaqqas it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kisbiet baxxi, inkluż bl-appoġġ ta' approċċ ta' istituzzjoni sħiħa u kollaborazzjonijiet multidixxiplinari fl-iskejjel u madwarhom, b'viżjoni ġenerali inklużiva tal-edukazzjoni u t-taħriġ iffukata fuq l-istudent, il-promozzjoni tal-identifikazzjoni bikrija ta' sinjali ta' diżimpenn, it-tisħiħ tal-gwida individwalizzata u oqfsa ta' appoġġ għall-istudenti li huma friskju, u l-promozzjoni u l-appoġġ għall-involviment tal-ġenituri, dawk li jindukraw, il-familji u l-komunitajiet;

- c) il-ħidma biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha jilħqu livell bażi ta' profiċjenza fil-ħiliet bażiċi, inkluż il-ħiliet diġitali, b'attenzjoni speċjali fuq gruppi friskju ta' progress insuffiċjenti u ta' tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-identifikazzjoni ta' riformi ta' politika effettivi biex tiġi appoġġata kisba aħjar tal-ħiliet bażiċi, speċifikament b'rabta mal-kurrikulu u/jew il-valutazzjoni u l-iggrawidjar tul il-ħajja, kif ukoll il-kapaċità tal-istituzzjonijiet u tal-persunal li jkunu innovattivi u jiżviluppaw approċċi u ambjenti ta' apprendiment iċċentrati fuq l-istudent
- d) il-ħidma biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha, inkluż b'mod partikolari l-istudenti b'talent, jiġu appoġġati b'mod adegwat u jiġu intellettwalment sfidati, skont l-abbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom, filwaqt li jiġi protett il-benesseri fiżiku, emozzjonali u psikoloġiku tagħhom;
- e) iż-żamma tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ bħala ambjenti sikuri, ħielsa mill-vjolenza, ir-razziżmu, il-bullying, il-bullying ċibernetiku, il-fastidju sesswali, is-sessiżmu, id-diskors dannuż, id-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni;
- f) l-istimolu ta' ambjent ta' taħlim sikur, akkoljenti u ta' appoġġ, inkluż online, li fiha l-istudenti kollha jistgħu jikbru u jiżviluppaw bħala individwi u membri tal-komunità u jħossuhom rispettati, apprezzati u rikonoxxuti fit-talenti u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, filwaqt li jistabbilixxu aspettattivi għoljin b'mod xieraq għall-istudenti kollha u jieħdu ħsieb il-benesseri individwali tagħhom;
- g) l-iżgurar li l-proċessi interni u esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ iqisu l-kwistjonijiet ta' ekwità fl-aċċess, l-inklużjoni u s-suċċess edukattiv għall-istudenti kollha.

- h) jikkunsidraw, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali, l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi ta' gwida tul il-ħajja, li jipprovdu gwida għall-karriera u opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-karriera fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż biex jappoġġaw it-tranżizzjonijiet tal-karriera tul il-ħajja taċ-ċittadini;
 - i) il-promozzjoni tal-multilingwiżmu fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ billi jivvalutaw u jimmobilizzaw il-kuntesti lingwistiċi tal-istudenti, u b'hekk isaħħu kemm il-profiċjenza fil-lingwa tal-iskola kif ukoll jappoġġaw il-kisba ta' aktar kompetenzi lingwistiċi;
 - j) l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għal opportunitajiet ta' taġħlim u kuntesti inklużivi, u l-provvista ta' miżuri ta' appoġġ individwalizzati f'ambjenti ta' taġħlim li jimmassimizzaw l-iżvilupp akkademiku u soċjali għall-persuni b'diżabilità, sabiex tiġi ffaċilitata l-edukazzjoni tagħhom⁷;
 - k) il-ħidma fuq il-prevenzjoni ta' diffikultajiet psikoloġiċi fost l-istudenti u l-appoġġ għal studenti b'diffikultajiet psikoloġiċi, inkluż, jekk meħtieġ, permezz ta' aċċess għal appoġġ professjonali.
41. Jinkoraġġixxu djalogu wiesa', kooperazzjoni u approċċi innovattivi bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-partijiet ikkonċernati ewlenin, bħall-komunitajiet lokali, l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali, il-ġenituri u l-persuni li jindukraw, il-familja estiża, l-atturi fil-qasam taż-żgħażaġh, il-medjaturi soċjali u kulturali, il-voluntiera, is-sħab soċjali, l-impjegaturi u s-soċjetà ċivili, sabiex jiġi żgurat l-istabbiliment ta' strateġiji ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi li jippromwov u l-ekwità u l-inklużjoni u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-komunità b'mod ġenerali.

⁷ F'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030.

42. Jinkoraġġixxu l-ġhoti ta' opportunitajiet ta' taġħlim għall-istudenti kollha biex jinvolve ruħhom f'perkorsi flessibbli tal-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja, inkluż permezz tal-validazzjoni tat-taġħlim preċedenti, inkluż f'kuntesti mhux formali u informali u approċċi flessibbli, inkluż billi jiġi esplorat il-kunċett u l-użu ta' Approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali, filwaqt li ma jiddgħajjix il-prinċipju ewlieni ta' programmi ta' lawrji sħaħ fl-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali.
43. Jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw l-aċċess għall-ECEC ta' kwalità għolja għat-tfal kollha, irrispettivament miċ-ċirkostanzi individwali, familjari jew soċjali taġħhom, u jsegwu l-implimentazzjoni ulterjuri tal-qafas Ewropew ta' kwalità għal sistemi tal-ECEC ta' kwalità għolja, inkluż billi jkomplu jinvestu fl-ECEC sabiex jipprovdu aċċess għal aktar tfal u jsaħħu l-istandards ta' kwalità.
44. Joffru opportunitajiet li jagħtu ċans ieħor, inkluż perkorsi flessibbli ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, lill-adulti li jkunu telqu mill-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali mingħajr kwalifiki jew bi kwalifiki baxxi.
45. Jesploraw opportunitajiet għall-iżvilupp u t-titjib tal-ġbir ta' data nazzjonali u sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, diżaggregati skont is-sess u parametri rilevanti oħra, li jippermettu lill-Istati Membri jivvalutaw l-impatt ta' inizjattivi ta' politika individwali, u b'hekk jgħinu biex jitkejjel il-progress fil-promozzjoni tal-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
46. Ikomplu jużaw, fejn xieraq, l-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, biex jimplimentaw, jimmonitorjaw, jiddokumentaw u jxerrdu approċċi inklużivi ta' suċċess fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

47. Jagħmlu użu sħiħ mill-għodod Ewropej ta' kollaborazzjoni għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bħall-pjattaforma eTwinning, l-iSchool Education Gateway u l-EPALE (Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa), sabiex itejbu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiki u riżorsi rigward il-promozzjoni tal-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess edukattiv fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
48. Iżidu d-disponibbiltà, l-aċċess, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tat-tagħmir u l-infrastruttura diġitali, il-konnettività, ir-riżorsi edukattivi u pedagogiġi miftuħa u diġitali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'appoġġ immirat biex jiġi żgurat aċċess effettiv għal studenti żvantaġġati u studenti b'diżabilità f'kull età, filwaqt li tiġi indirizzata wkoll il-ħtieġa għall-iżvilupp ta' ħliet u kompetenzi diġitali bażiċi u avvanzati fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-edukazzjoni diġitali lejn il-bini ta' ambjenti ta' tagħlim u apprendiment aktar inklużivi u li jwasslu għas-suċċess.
49. Jiżguraw li l-għalliema, il-ħarrieġa, il-professjonisti tal-ECEC, il-persunal pedagoġiku u edukaturi oħra, kif ukoll il-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha jingħataw l-appoġġ kollu li jeħtieġu, inkluż l-edukazzjoni inizjali meħtieġa, l-induzzjoni fil-professjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu, sabiex jifhmu u jindirizzaw l-iżvantaġġ edukattiv u jindirizzaw il-preferenzi u l-preġudizzji personali, jippromwovu l-inklużjoni u s-suċċess reali, jittrattaw id-diversità, irawmu motivazzjoni xierqa għat-tagħlim u jwasslu għal riżultati ta' tagħlim ta' kwalità għolja għal grupp fil-mira differenti, f'kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra. Dan jinkludi l-appoġġ għall-iżvilupp ta' kompetenzi diġitali bażiċi u avvanzati u pedagogiġi innovattivi u l-iżvilupp ta' ħliet soċjali u emozzjonali, filwaqt li jiġu promossi l-benesseri u s-saħħa mentali tal-edukaturi.
50. Jindirizzaw in-nuqqas tal-għalliema – fejn dan jeżisti - b'mod partikolari fl-edukazzjoni għal persuni bi bżonnijiet speċjali u f'kuntesti multikulturali u multilingwi.

51. Ikomplu jimplimentaw l-impenji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2015, jigiifieri permezz tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza, sabiex tiġi promossa ċ-ċittadinanza attiva u jitrawmu t-tolleranza u l-attitudnijiet demokratiċi, il-kompetenzi interkulturali, il-litteriżmu diġitali u fil-media u l-ħsieb kritiku.
52. Jagħmlu użu sħiħ, skont il-ħtiġijiet nazzjonali jew reġjonali, tal-mekkaniżmi u l-programmi ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u tal-UE kollha disponibbli, bħal Erasmus+, il-Fond Soċjali Ewropew Plus flimkien ma' fondi strutturali u ta' investiment Ewropej oħra, InvestEU u l-opportunitajiet ġodda taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, lejn it-trawwim ta' investiment sostenibbli fl-edukazzjoni u t-taħriġ ekwi u inklużivi sabiex jiġi promoss is-suċċess edukattiv għal kulħadd.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI TAGĦHOM U B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEK

53. Jagħmlu użu massimu mill-opportunitajiet disponibbli taħt il-qafas strateġiku ġdid għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), permezz tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, biex jippromwovu l-iskambju ta' prattiki tajba u approċċi innovattivi dwar kif jinkisbu edukazzjoni u taħriġ aktar ekwi u inklużivi li jippromwovu s-suċċess, jigiifieri billi jissaħħaħ it-tagħlim reċiproku u bejn il-pari, u, fejn meħtieġ, jitwettqu riċerka u studji sabiex jiġi promoss it-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza u jiġu żviluppati u mxerrda prattiki ta' politika ta' suċċess dwar l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess fl-edukazzjoni.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAT-TRATTATI U B'RISPETT SĦIĦ
GĦAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX

54. Taħdem, flimkien mal-Istati Membri, fuq inizjattivi mħabbra mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027, li ser itejbu l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess fl-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluża l-Garanzija għat-Tfal.
55. Taħdem fuq inizjattiva li għandha l-għan li tiżviluppa b'mod konġunt, flimkien mal-Istati Membri, gwida politika dwar it-tnaqqis ta' kisbiet baxxi u ż-żieda fl-edukazzjoni sekondarja għolja (jew ekwivalenti) fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li tikkontribwixxi għaż-żieda fil-livelli ta' kompetenza, id-diżassoċjazzjoni tal-kisbiet edukattivi mill-kuntest soċjoekonomiku u l-prevenzjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġh.
56. Timplimenta d-Djalogu Strateġiku mal-Istati Membri, filwaqt li tiffoka fuq l-iżvilupp ta' ekosistema diġitali bi prestazzjoni għolja kif ukoll fuq it-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali għat-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
57. Tiddekrivi gwida politika għall-Istati Membri dwar it-tagħlim online u mill-bogħod fl-edukazzjoni primarja u sekondarja biex iżżid l-inklużività u l-flessibbiltà tal-edukazzjoni skolastika u ttejjeb l-iżvilupp ta' kompetenzi wiesgħa tal-istudenti kollha.
58. Tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu kontribut b'mod konġunt għar-rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar approċċi ta' tagħlim u apprendiment għall-ħiliet bażiċi innovattivi u multidixxiplinari.

59. Issaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-ekwità fl-aċċess, l-inklużjoni u s-suċċess għal kulħadd fl-
edukazzjoni u t-taħriġ mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji Ewropej rilevanti, bħall-Aġenzija
Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, u mal-organizzazzjonijiet
internazzjonali rilevanti bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD, in-Nazzjonijiet Uniti u l-
UNESCO, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri.
60. Twettaq ħidma fuq proposti, abbażi tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Punti ta'
Riferiment u bl-użu tal-opinjoni esperta tiegħu, għal indikaturi possibbli jew miri fil-livell
tal-UE fl-oqsma tal-ekwità u l-inklużjoni.
61. Tesplora opportunitajiet għall-iżvilupp u t-titjib tal-ġbir tad-data Ewropea, jiġifieri fi ħdan il-
Eurostat, sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni ta' inizjattivi u miżuri ta' politika li
jippromwovu l-ekwità, l-inklużjoni u s-suċċess fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar
l-UE, filwaqt li jiġu evitati piżijiet addizzjonali għall-Istati Membri.
62. Tagħmel użu mill-grupp ta' esperti dwar investiment ta' kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ,
f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex tesplora kif investiment effiċjenti u effettiv
fil-kompetenzi tan-nies u l-infrastruttura jista' jgħin fil-promozzjoni tal-ekwità u l-inklużjoni
fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
63. Tlaqqa' grupp ta' esperti biex jiżviluppa proposti dwar strateġiji għall-ħolqien ta' ambjenti ta'
taġlim ta' appoġġ għal gruppi f'riskju ta' progress insuffiċjenti u għall-appoġġ tal-benesseri
fl-iskola.
64. Tlaqqa' grupp ta' esperti biex jiffoka fuq il-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u l-indirizzar
tad-diżinformazzjoni, li hija kruċjali għall-ħolqien ta' esperjenza online sikura, li tagħti s-
setgħa u inklużiva għal kulħadd.
-

KUNTEST POLITIKU

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-Kooperazzjoni Ewropea fl-
edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) (12 ta' Mejju 2009)
2. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politiki għat-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola
(28 ta' Ġunju 2011)
3. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda mġedda għat-Tagħlim għall-Adulti
(20 ta' Diċembru 2011)
4. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali
(20 ta' Diċembru 2012)
5. Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza
u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (Pariġi, 17 ta' Marzu 2015)
6. Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas
strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) – Prijoritajiet
għodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (23 u 24 ta' Novembru 2015)
7. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskejjel u l-promozzjoni tas-
suċċess fl-iskola (15 ta' Diċembru 2015)
8. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Għodda għall-
Adulti (19 ta' Diċembru 2016)

9. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-inklużjoni fid-diversità biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd (17 ta' Frar 2017)
10. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja (30 ta' Mejju 2017)
11. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-Tisħiħ tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura: Il-Kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg (17 ta' Novembru 2017)
12. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea fit-tagħlim (22 ta' Mejju 2018)
13. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (22 ta' Mejju 2018)
14. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perijodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (26 ta' Novembru 2018)
15. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ komprensiv lejn it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi (22 ta' Mejju 2019)
16. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal (22 ta' Mejju 2019)

17. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur (8 ta' Novembru 2019)
18. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur (9 ta' Ġunju 2020)
19. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 fl-edukazzjoni u t-taħriġ (16 ta' Ġunju 2020)
20. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar Aġenda Ewropea tal-Filiet għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (1 ta' Lulju 2020)
21. Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025 (18 ta' Settembru 2020)
22. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (30 ta' Settembru 2020)
23. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali (30 ta' Settembru 2020)
24. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (24 ta' Novembru 2020)
25. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-għarfien tal-Ewropa (24 ta' Novembru 2020)

26. Dikjarazzjoni ta' Osnabrück dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala faċilitatur tal-irkupru u ta' tranżizzjonijiet ġusti lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi (30 ta' Novembru 2020)
 27. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (18 ta' Frar 2021)
 28. Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 (3 ta' Marzu 2021)
 29. Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (24 ta' Marzu 2021).
-